VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 17 tal-2012

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Regolamenti tal-2012 dwar it-Trasferiment ta' Pensjonijiet Mħallsa taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 134 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Ġustizzja, Djalogu u l-Familja, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 dwar it-Trasferiment ta' Pensjonijiet Mħallsa taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu dwar il-proċedura amministrattiva meħtieġa biex tagħti seħħ lir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, ECSC) Nru. 259/68, li jistipula regolamenti fuq persunal li jikkonsisti f'uffiċjali u l-kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea.

(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex persuni impjegati bħala uffiċjali u impjegati oħra tal-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni jkunu jistgħu japplikaw biex ikollhom id-drittijiet ta' benefiċċju tagħhom akkumulati kif hemm fit-Taqsima II tal-Att, trasferiti mill-kont jew fond tas-sigurtà nazzjonali tagħhom fl-iskema tal-UE.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-ammont trasferit" tfisser is-somma li tissarraf f'ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent li tkun ġiet trasferita fl-iskema tal-UE;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"applikazzjoni għal trasferiment" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bir-regolament 4(1) ta' dawn ir-regolamenti;

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

"data tal-kwotazzjoni" tfisser id-data:

(i) li b'riferenza għaliha jiġi kalkulat il-valur f'ekwivalenti ta' flus kontanti ta' drittijiet trasferibbli; u

(ii) li taħbat f'perjodu ta' tliet xhur mid-data meta tiġi riċevuta l-applikazzjoni għal trasferiment mid-Direttur;

"dikjarazzjoni ta' jedd" tfisser dikjarazzjoni bil-miktub:

(i) tal-ammont ta' ekwivalenti ta' flus kontanti fid-data tal-kwotazzjoni tad-drittijiet trasferibbli li jkunu akkumulaw għat-trasferent, jew fir-rigward tiegħu; u

(ii) li jkun fiha dettalji tal-bażi kif ikun ġie kalkulat dak l-ammont;

"id-Direttur" għandu jkollha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att;

"impjieg attiv" tfisser persuna li tkun qegħda taqdi dmirijiet li jappartjenu għall-kariga li tkun qiegħda tokkupa jew tkun temporanjament assenjata fil-kuntest tal-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kunsill;

"*leave* għal raġunijiet persunali" tfisser *leave* li jingħata fil-kuntest tal-Artikolu 40 tar-Regolament tal-Kunsill;

"pensjoni rilevanti" tfisser pensjoni kontributorja taħt l-artikolu 26 tal-Att;

"ir-Regolament tal-Kunsill" tfisser Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, ECSC) Nru. 259/68 li jistipula regolamenti fuq persunal li jikkonsisti f'uffiċjali u l-kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea;

"l-iskema tal-UE" tfisser l-iskema ta' pensjoni provduta għall-uffiċjali ta' istituzzjonijiet tal-UE kif hemm fl-Artikoli

VERŻJONI ELETTRONIKA

77 sa 84 tar-Regolament tal-Kunsill, u tal-Anness VIII miegħu;

"trasferent" tfisser il-persuna li tkun applikat għand id-Direttur biex tittrasferixxi d-drittijiet trasferibbli tagħha fl-iskema tal-UE.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, frażijiet oħra użati f'dawn ir-regolamenti għand jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsir mogħti lilhom bl-Att.

(3) Kull riferenza f'dawn ir-regolamenti għal xi Artikolu tar-Regolament tal-Kunsill, jew xi Anness miegħu, għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal dak l-Artikolu jew Anness kif emendat minn żmien għal żmien.

Drittijiet trasferibbli.

3. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, 'drittijiet trasferibbli' tfisser kull dritt għal pensjonijiet rilevanti, li, fid-data tal-kwotazzjoni, ikunu akkumulaw lil, jew dwar, xi persuna bis-saħħa ta' dan li ġej:

(a) il-ħlas li jsir minn dik il-persuna ta' Kontribuzzjonijiet tal-Ewwel jew tat-Tieni Klassi taħt l-Att; u

(b) dik il-persuna tkun ġiet akkreditata b'dawk il-kontribuzzjonijiet kif hemm fl-Artikolu 16 tal-Att.

Applikazzjoni għal trasferiment fl-iskema tal-UE.

4. (1) Ħlief fejn japplika s-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, persuna li tkun bi ħsiebha tittrasferixxi d-drittijiet trasferibbli tagħha lejn l-iskema tal-UE għandha tippreżenta applikazzjoni lid-Direttur.

(2) It-trasferent jitqies li jkun għamel applikazzjoni taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament meta d-Direttur jirċievi kopja tal-applikazzjoni tat-trasferent biex isir membru tal-iskema tal-UE.

(3) Applikazzjoni taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu jkollha dik il-forma li d-Direttur jista' minn żmien għal żmien japprova.

Dikjarazzjoni ta' jedd.

5. (1) Id-Direttur għandu, bla ħsara għas-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, jipprovdi dikjarazzjoni ta' jedd lit-

VERŻJONI ELETTRONIKA

trasferent qabel ma jintemm il-perjodu ta' tletin ġurnata li jibda għaddej mid-data tal-kwotazzjoni.

(2) Dikjarazzjoni ta' jedd għandha tibqa' valida għal perjodu ta' disgħin ġurnata li jibda għaddej mid-data meta din tinħareġ mid-Direttur.

(3) Meta t-trasferent ma tkunx togħġbu l-preċiżjoni ta' xi informazzjoni li tkun tinsab fid-dikjarazzjoni ta' jedd, huwa għandu javża b'dan lid-Direttur fi żmien tletin ġurnata minn meta jirċeviha.

(4) Id-Direttur ma jkunx meħtieġ jipprovdi dikjarazzjoni ta' jedd lil trasferent jekk huwa jkun ipprovda dikjarazzjoni ta' jedd lil dak it-trasferent matul it-tnax-il xahar ta' qabel.

Kalkolu tal-ekwivalenti ta' flus kontanti ta' drittijiet trasferibbli .

6. (1) L-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent għandu jiġi kalkulat u verifikat b'dak il-mod li jista' jiġi approvat minn, jew f'isem, id-Direttur wara li ssir analisi attwarja.

(2) Meta, fid-data tal-kwotazzjoni, it-trasferent ikun qiegħed jirċievi xi pensjoni waħda jew aktar pensjonijiet rilevanti, l-ekwivalenti ta' flus kontanti ta' kull ammont imħallas dwar dak il-benefiċċju jew dawk il-benefiċċji għandu jitnaqqas mit-total ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tiegħu.

Avviż ta' intenzjoni li jsir trasferiment.

7. It-trasferiment tad-drittijiet trasferibbli ta' trasferent fl-iskema tal-UE jista' jsir biss meta d-Direttur ikun ġie notifikat bil-miktub, qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi fir-regolament 5(2) ta' dawn ir-regolamenti, li t-trasferent ikun irid dak it-trasferiment isir.

Azzjoni li tittieħed mid-Direttur.

8. (1) Is-subregolamenti (2) u (3) ta' dan ir-regolament japplikaw meta d-Direttur jirċievi avviż taħt ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Meta d-Direttur ikun sodisfatt li l-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent ikun korrett, huwa għandu jittrasferixxi fl-iskema tal-UE:

(a) ammont rigward dak l-ekwivalenti ta' flus kontanti; u

(b) mgħax li jakkumula fuq dak l-ammont bis-saħħa tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti, qabel tmiem

VERŻJONI ELETTRONIKA

il-perjodu ta' disa' xhur li jibdew għaddejin mid-data tal-kwotazzjoni.

(3) Meta d-Direttur ma jkunx sodisfatt dwar il-preċiżjoni tal-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent, huwa għandu javża lit-trasferent b'dan u joħroġ dikjarazzjoni ta' jedd riveduta.

(4) Meta d-Direttur jirċievi avviż mingħand trasferent li jindika li huwa jkun irid jagħmel trasferiment tad-drittijiet trasferibbli tiegħu fl-iskema tal-UE, u dak l-avviż jiġi riċevut wara li jkun skada l-perjodu msemmi fir-regolament 5(2) ta' dawn ir-regolamenti, huwa għandu javża lit-trasferent li l-applikazzjoni tiegħu tkun invalida u li jkollha ssir applikazzjoni ġdida u tinkiseb dikjarazzjoni ta' jedd ġdida kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

X'ifisser tittrasferixxi ħlas f'ekwivalenti ta' flus kontanti.

9. (1) Dan ir-regolament japplika meta l-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent ikun ġie trasferit fl-iskema tal-UE kif hemm fil-linji gwida uffiċjali pubblikati minn żmien għal żmien

(2) Ebda ħaġa fl-Att jew f'regolamenti magħmulin taħtu m'għandha tiftiehem b'tali mod li tipproduċi dan l-effett li ġej:

(a) il-jedd tat-trasferent għall-ħlas ta' pensjoni rilevanti bbażata fuq kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati matul xi perjodi qabel il-ġurnata meta jsir it-trasferiment; jew

(b) l-akkreditament lil trasferent ta' xi qligħ jew kontribuzzjonijiet li jakkumulaw mid-drittijiet trasferibbli tiegħu.

(3) Meta t-trasferent jerġa' lura Malta f'xi jum wara l-ġurnata meta jsir it-trasferiment u jkun jaħdem għalih innifsu jew jimpjega lilu nnifsu kif hemm fl-Att, huwa ma jkollux jedd għal kontribuzzjonijiet akkreditati kif hemm fl-Artikolu 16(1) tal-Att u għal kontribuzzjonijiet oħra akkreditati mogħtija taħt l-artikolu msemmi li jkunu ġew trasferiti minn din l-iskema.

Meta jiġi trasferit ammont skorrett.

10. (1) Is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament japplika meta wara jirriżulta li l-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent kien aktar mill-ammont trasferit.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Id-Direttur għandu jittrasferixxi fl-iskema tal-UE ammont li jkun daqs is-somma ta' dan li ġej:

(a) id-differenza bejn l-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent u l-ammont trasferit; u

(b) id-differenza bejn l-imgħax akkumulat taħt ir-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti u l-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent u l-imgħax akkumulat taħt dak ir-regolament fuq l-ammont trasferit.

Mgħax.

11. (1) L-imgħax għandu jakkumula fuq l-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferent għal dak il-perjodu li jibda għadej fid-data tal-kwotazzjoni u jtemm fil-ġurnata meta l-ammont li jirrigwarda dak l-ekwivalenti ta' flus kontanti jiġi trasferit bis-saħħa tar-regolament 8(2) ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-imgħax għandu jakkumula taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament b'rata ta' mgħax fis-sena li tiġi stabbilita mid-Direttur u li tkun ibbażata fuq analisi attwarja.

Termini ta' żmien.

12. Il-perjodi speċifikati fir-regolamenti 5, 6 u 8 ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jittawlu mid-Direttur jekk huwa jqis li jkun raġonevoli li jagħmel hekk f'xi każ partikolari

Dispożizzjoni finanzjarja.

13. Il-ħlasijiet ta' kull ekwivalenti ta' flus kontanti ta' drittijiet trasferibbli li jsir mid-Direttur bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu mill-Fond Konsolidat.